**UNION ĦADDIEMA MAGĦQUDIN**

**Address:** "Dar Reggie Miller", Triq San Tumas, Floriana FRN 1123, Malta
**Tel:** (+356) 2123 4801, (+356) 2123 6484 **Fax:** (+356) 2124 6091
**Website:** http://www.uhm.org.mt
**Email:** info@uhm.org.mt

uhm

John Bencini

*Chairman,*

Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali,

280/3, Triq ir-Repubbblika,

il-Belt Valletta

Għażiż Sur Bencini,

Jidher biċ-ċar li l-livell tad-djalogu soċjali fl-MCESD hu ffukat primarjament fuq dak li hu ta' prijorità għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru u għad-diversi Ministri fi ħdan il-Kabinett. Tant li kull talba li ssir min-naħa tal-Ministri jew mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru tiġi immedjatament milqugħa mingħajr ebda riserva, filwaqt li talba li ssir mill-imsieħba soċjali trid tiġi meqjusa u l-validità u l-importanza tagħha jridu jkunu diskussi.

Agħar minn dan, l-istess talba ma tiġix imwieġba bħalma ġara sal-lum fuq it-talba għal laqgħa li ntalbet mill-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM.)

Din il-*union* dejjem emmnet fir-rwol tal-MCESD fid-djalogu soċjali ta' pajjiżna. Il-UĦM dejjem kellha l-impressjoni li r-rwol tal-MCESD jkun dejjem wieħed indipendenti, fejn l-istess djalogu soċjali ma jkunx ostakolat.

Dan li qed jiġri llum hu preċedent serju li jista' jiġri lil imsieħba soċjali oħrajn u, għaldaqstant, filwaqt li qed tistenna tweġiba uffiċjali dwar it-talba li saret għal laqgħa, il-UĦM fl-istess ħin qed tesprimi r-riservi tagħha għall-mod kif qed jitmexxa l-MCESD.

Tislijiet

Jesmond Bonello